MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tat-2 ta' Mejju, 2011

Citazzjoni Numru. 592/2010

**Id-Direttur Qrati Ċivili u Tribunali bħala Reġistratur, Qrati u Tribunali Ċivili**

**-vs-**

**Sarex Limited (C 6098) u Ivan Azzopardi**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fl-10 ta' Ġunju 2010 li permezz tiegħu l-attur ppremetta:

1. Illi permezz ta' sentenza tal-Qorti Ċivili, Prim' Awla datata 29 ta' Ottubru 2009, hawn annessa u mmarkata Dok A, il-Qorti kienet, fost affarijiet oħra, ordnat lis-soċjeta' intimata Sarex Limited *"sabiex tieqaf minnufih milli titlaq, tqiegħed jew tiddepożita kwalsiasi skart, kaxxi jew ingombru ieħor fi kwalunkwe parti tar-rampa komuni, u dan taħt sanzjoni tad-disprezz".*

2. Illi, minkejja tali sentenza, is-soċjeta’ intimata ostinat ruħha illi tkompli tingombra l-partijiet komuni tal-fond fi Giovanni Mamo Street, Birkirkara, minkejja tali sentenza illi ordnatilha biex tieqaf milli tagħmel hekk;

3. Illi, permezz ta’ rikors datat 4 ta’ Marzu 2010 hawn esebit flimkien mal-atti kollha relattivi ta’ tali rikors, immarkat Dok B, is-soċjeta’ O & V Limited, *tramite* r-rappreżentant tagħha Mariella Azzopardi, ġabet dana kollu a konjizzjoni tal-ewwel Onorabbli Qorti;

4. Illi permezz ta’ digriet mogħti minn dina l-Onorabbli Qorti fit-25 ta’ Mejju 2010, hawn esebit u mmarkat Dok C, wara illi rat ir-rikors hawn fuq imsemmi kif ukoll ir-risposta tal-intimati, liema risposta hija esebita mal-atti relattivi tar-rikors fuq imsemmi, r-rikorrent ġie ordnat illi jipproċedi bil-proċeduri ta’ disprezz fil-konfront tal-intimati;

5. Illi għalhekk kellu jsir dan ir-rikors.

Għaldaqstant in vista tas-suespost, tgħid l-intimata għaliex m’għandhiex din l-Onorabbli Qorti, prevja kull dikjarazzjoni neċċessarja u opportuna:

1. Issib lill-intimati jew min minnhom ħatja ta’ disprezz kontra l-awtorita’ tagħha *ai termini* tal-artikolu 997 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta’ Malta;

2. Tikkundanna lill-intimati jew min minnhom għall-pieni indikati fl-istess artikolu u tikkundannaha għall-priġunerija għal żmien sa xahar jew għal multa ta’ mhux inqas minn mitejn u tlieta u tletin Euro (€233) u mhux aktar minn elfejn tlett mija u tletin Euro (€2,330) jew għall-multa u priġunerija flimkien;

3. Timponi kwalunkwe ordni oħra meħtieġa fuq l-intimata *ai termini* tal-Artikolu 997 sub-artikolu (2) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta’ Malta, inkluż billi tiffissa żmien perentorju sakemm dan l-istess ordnijiet għandhom jiġu sodisfatti mill-intimati jew min minnhom;

Bl-ispejjeż u bl-inġunzjoni tar-rappreżentanti tas-soċjeta’ intimata in subizzjoni u bir-riserva ta’ kull dritt ta’ azzjoni ulterjuri skond il-liġi.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-attur u l-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata ta’ Sarex Limited (C 6098) u Ivan Azzopardi ppreżentata fis-26 ta’ Ottubru 2010, li permezz tagħha eċċepew:

1. Illi fl-ewwel lok, is-sentenza tad-29 ta’ Ottubru 2009 imsemmija fir-rikors promotur toħloq l-effett ta’ *res judicata* fil-konfront biss ta’ Sarex Limited, u għalhekk l-esponent Ivan Azzopardi għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju. Dan apparti li ma ntqalx f’liema vesti u b’konnessjoni ma’ x’hiex qiegħed jiġi mħarrek l-istess Ivan Azzopardi personalment.

2. Illi *di piu’*, mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-ebda wieħed mill-esponenti m’għamel xi att li bih wettaq disprezz lejn l-Awtorita’ ta’ din l-Onorabbli Qorti, u dan peress li ħadd mill-esponenti ‘ma ddepożita kwalsiasi skart, kaxxi jew ingombru ieħor fi kwalunkwe parti tar-rampa komuni’, kif se jiġi ppruvat fil-kors ta’ din il-kawża.

3. Illi f’kull każ ma jeżistux l-elementi sabiex jinstab disprezz lejn l-Awtorita’ ta’ din l-Onorrabli Qorti.

Salvi risposti ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra l-attur, minn issa inġunt in subizzjoni

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-konvenut u l-lista tax-xhieda.

Rat l-atti proċesswali.

Semgħet ix-xhieda;

Rat il-verbal tas-seduta tal-14 ta' Marzu 2011 illi permezz tiegħu l-kawża tħalliet għas-sentenza wara li l-Avukati rispettivi trattaw;

Ikkunsidrat;

Illi din hija kawża dwar disprezz lejn l-Awtorita' tal-Qorti mressqa mill-attur wara li l-konvenut u s-soċjeta' konvenuta dejjem skond l-attur, baqgħu jingombraw il-partijiet komuni tal-fond fi Triq Giovanni Mamo, Birkirkara *nonostante* s-sentenza tal-Qorti msemmija fir-rikors. Dan sar in segwitu għar-rikors ta' Mariella Azzopardi u d-digriet tal-Qorti illi ordnat li ssir din il-kawża.

Illi l-konvenuti kif ingħad qed jeċċepixxu li l-konvenut personalment ma ġiex ċitat fil-kawża gia deċiża u għalhekk għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju u li f'kull każ ħadd minnhom ma kienu ħatja ta' disprezz lejn l-Awtorita' tal-Qorti għaliex ma ddepożitawx skart kif imsemmi.

Illi kif intqal fis-sentenza fl-ismijiet **"Reġistratur tal-Qrati Superjuri vs Kristinu Giordmaina"** (25 ta' Settembru 2003 – JRM) deċiża minn din il-Qorti diversament preseduta:

*"Il-proċedura ta' disprezz għandha natura partikulari. Hija maħsuba biex tħares ir-rispett li għandu jinġieb lill-Qorti. Waħda mis-setgħat ewlenin ta' kull Qorti hija li tagħti ordnijiet lil xi ħadd, kemm jekk biex il-persuna tagħmel xi ħaġa jew biex dik il-persuna ma tagħmilx xi ħaġa. Kif jgħallem* ***Lord Denning****, 'This kind of contempt has the characteristics which are common to all contempts of Court. It is a criminal offence. It must be proved beyond reasonable doubt. (****In re Bramblevale Limited*** *– 1970).*

*Illi minbarra dan xilja ta' disprezz iġġib magħha l-ħtieġa li tiġi ippruvata, minn min qiegħed jixli, il-fehma tal-persuna mixlija li tisfida l-ordni tal-Qorti u b'konsegwenza ta' hekk l-awtorita' tagħha.*

*Illi madankollu di l-intenzjoni ma tiddependix minn jekk il-persuna mixlija tqisx l-ordni mogħtija lilha bħala wieħed korrett jew le; is-siwi ta' dik l-ordni, sakemm ma jitħassarx' b'ordni ieħor tal-Qorti nnifisha jew ta' Qorti oħra, huwa raġuni oġġettika li torbot lill-mixli li joqgħod għaliha, jaqbel jew ma jaqbilx magħha. Hekk stabbilew il-Qrati tagħna, ukoll fejn wara rriżulta li l-ordni tal-Qorti kien wieħed null u bla siwi. (Appell Ċivili,* ***"Edward Camilleri vs Carmelo Vella"*** *7 ta' Ottubru 1997)."*

Illi l-attur għalhekk fil-kawża m'għandu xejn x'jirbaħ għajr li jiżgura li tiġi imħarsa l-amministrazzjoni tal-ġustizzja – **"Il-Qorti vs Camilleri"** Vol. LXXIV-iii-546.

Illi rigward l-ewwel eċċezzjoni huwa minnu li l-konvenut personalment ma kienx parti fil-kawża in kwistjoni u kienet biss is-soċjeta' Sarex Limited li kienet konvenuta fil-kawża. Madankollu, għalkemm huwa wkoll minnu li ma ġiex preċiżat fir-rikors promotur taħt liema vesti kien qed jiġi ċitat, il-konvenut huwa *ex admissis* direttur tas-soċjeta konvenuta u allura fi proċeduri bħal dawn huwa indubbjament ikollu jirrispondi bħala direttur *ai termini* tal-Artikolu 4 tal-Att dwar l-Interpretazzjoni u t-tieni skeda tal-Kodiċi Ċivili. Kieku kien mod ieħor kien ikun mezz inġust u konvenjenti biex soċjeta' tevita l-penalitajiet indikati mill-artikoli rilevanti, bħal per eżempju, il-piena karċerarja. Madankollu għandu raġun il-konvenut jeċċepixxi li **personalment** ma kellux jitħarrek għaliex huwa aġixxa bħala direttur tas-soċjeta' konvenuta u kwindi kellu jitharrek bħala direttur. Dan għaliex is-sentenza in kwistjoni kienet ittieħdet fil-konfront tas-soċjeta' konvenuta u mhux tiegħu personalment. Il-Qorti tagħmilha ċara a skans ta' misinterpretazzjoni li hija tal-fehma illi direttur ta' soċjeta' li tkun ħatja ta' disprezz lejn l-Awtorita' tal-Qorti, **jista'** a tenur tal-liġijiet imsemmija jiġi kundannat għal piena karċerarja.

Illi mill-provi li tressqu quddiemha il-Qorti hija konvinta li s-soċjeta' konvenuta, *tramite* l-konvenut aktar minn darba ingombra r-rampa in kwistjoni billi tpoġġi oġġetti fiha; dan kien isir normalment sakemm jasal it-*truck* li jġorr l-iskart. Għalkemm dan kien isir għal perjodu qasir fis-sens li l-

oġġetti tpoġġew hemmhekk sakemm jinġarru, dan xorta jfisser li s-soċjeta' konvenuta kisret id-dispożizzjonijiet tas-sentenza msemmija. Il-Qorti jidhrilha li min jinjora – kif għamlet is-soċjeta' konvenuta – ordni daqshekk ċara tal-Qorti għandu jiġi punit skond il-liġi. Fiċ-ċirkostanzi pero' u għar-raġuni msemmija, il-Qorti se timponi biss multa.

**Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċiedi din il-kawża billi filwaqt li tilqa' l-eċċezzjoni tal-konvenut personalment u kwindi tilliberaħ mill-osservanza tal-ġudizzju, tiċħad l-eċċezzjonijiet tas-soċjeta' konvenuta u tilqa' t-talbiet kollha attriċi, u *ai termini* tal-Artikoli 997 *et sequitur* tal-Kap. 12 tikkundanna lis-soċjeta' konvenuta tħallas lill-attur ammenda ta' elf Euro (€1,000).**

**L-ispejjeż tal-kawża jkunu a kariku tas-soċjeta' konvenuta.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------